MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Numru. 79/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Thuema)**

**vs**

**Johan Calleja**

**(ID 459585(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Johan Calleja, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 459585(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Mejju 2004 u matul ix-xhur ta' qabel:

a) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez relattivi ghall-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi kollha mressqa f’din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, zgur illi ma kinitx wahda bikrija, madankollu huwa kkopera bis-shiha mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fis-seduta tal-10 ta’ Jannar 2006, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap.

101 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] Jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[2] illi huwa mill-ewwel spjega lill-Ufficjal Investigatur x'kien gara fil-lejl in kwistjoni, ammetta l-involviment tieghu u anke semma lil terzi persuni li fornewh bid-droga. Il-Qorti qieset ukoll x'kien li wassal ghal dan il-kaz fis-sens illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat kien gie avvicinat minn erba' zghazagh li kienu talbuh ghal informazzjoni dwar minn fejn setghu jakkwistaw il-*cannabis*. L-imputat fil-fatt mar ma' dawn iz-zghazagh gewwa Bormla, sab terza persuna li huwa kien jaf li kien ibiegh il-*cannabis,* ghaddielu l-flus – is-somma ta' Lm10 – li kienu tawh dawn l-istess zghazagh, xtralhom bicca raza tal-*cannabis* u dak il-hin stess tahielhom. Qieset ukoll ghalhekk illi l-ammont ta' droga involut kien wiehed minimu.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li, ghalkem fiz-zmien tar-reati odjerni kienet wahda netta, madankollu llum tinkludi diversi kundanni, fosthom dwar misapproprijazzjoni, serq aggravat, hsara volontarja, talli kkawza griehi ta' natura hafifa, theddid, pussess semplici ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet), kokaina (fi tlett okkazjonijiet), raza tal-*cannabis* u *ecstasy*, dwar liema l-imputat inghata *inter alia* sentenza ta' prigunerija sospiza, liema sentenza giet anke estiza, sentenza ta' prigunerija effettiva, multa, liberazzjoni kundizzjonata u Ordni ta' *Probation.*

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* li qeghda ssegwi lill-imputat fil-prezent[3], illi l-imputat bhalissa qieghed jiskonta piena ta' prigunerija, li ilu gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minn Novembru 2012 u li ghad fadallu sa Novembru 2017 sabiex jiskonta din il-piena. Skond l-istess Ufficjal tal-*Probation*, l-imputat qieghed prezentement jigi segwit fuq Ordni ta' *Probation* moghtija lilu minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru 2013 ghall-perjodu ta' tlett snin u li ghalkemm l-imputat qed jigi mhajjar u nkoraggut sabiex jibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, bhalissa minhabba l-piena li qieghed jiskonta, ghadu kmieni wisq sabiex ikunu jista' jigi preparat u jsiru

[1] Ara verbal a fol. 8 tal-process u xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol. 12 tal-process.
[2] A fol. 13 *et seq* tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation*, Joanna Farrugia, tal-5 ta' Mejju 2014 (a fol. 69 *et seq* tal-process) u tal-11 ta' Lulju 2014 (a fol. 75 *et seq* tal-process).

pjanijiet konkreti f'dan ir-rigward. Mix-xhieda tal-istess *Probation Officer* jirrizulta wkoll illi kampjuni tal-urina li ttiehdu lill-imputat fit-8 ta' April 2014, fit-23 ta' April 2014 u fid-9 ta' Lulju 2104 irrizultaw fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti. In oltre l-istess Ufficjal tal-*Probation* spjegat ukoll kif l-imputat tilef kemm lill-genituri tieghu, kif ukoll lil ohtu u li ghalhekk m'ghandux familjari li jistghu jaghtuh appogg u li s-sitwazzjoni li jinsab fiha hija difficli hafna anke ghaliex la darba l-imputat johrog minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa m'ghandux fejn jirrisjedi.

Fid-dawl ta' dan kollu, fil-waqt illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni m'ghandhiex triq ohra ghajr illi timponi piena karcerarja effettiva, fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet l-ohrajn, il-Qorti tqis illi jkun ghaqli illi terga' tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* u dan sabiex ikun jista' jibqa' jigi segwit mill-istess Ufficjal tal-*Probation* sas-sena 2018, bit-tama wkoll illi apparti illi jkun jista' jibqa' jigi meghjun sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, jinghata wkoll ghajnuna dwar akkomodazzjoni la darba huwa johrog mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u fir-rigward tal-imputazzjoni (a) tikkundannah ghall-piena ta' **hames (5) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' sitt mitt Euro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin Euro (€20), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal perijodu ta' tlett snin (3) mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u tirrakkomanda illi l-hati jibqa' jigi segwit mill-istess Ufficjal tal-*Probation* li qeghda ssegwih fil-prezent.

Tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex ikompli fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga, kif ukoll illi jinghata l-ghajnuna kollha possibbli sabiex tigi indirizzata l-problema tieghu ta' nuqqas ta' akkomodazzjoni residenzjali bil-ghan li tigi facilitata l-integrazzjoni tieghu fis-socjeta` wara r-rilaxx tieghu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi ma gew mahtura l-ebda esperti fil-kaz odjern.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-

procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------